MALTA

ATT Nru. VI ta' l-1991

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni, Kap. 239.

ACT No. VI of 1991

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the Death and Donation Duty Act, Cap. 239.

Naghti l-kunsens tieghi.

(L.S.) ĊENSU TABONE
President

12 ta' Marzu, 1991

ATT Nru. VI ta' l-1991

ATT biex jemenda l-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni, Kap. 239.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ. Kap. 239.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1991 li jemenda l-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att dwar it-Taxxa tal-Mewt u tad-Donazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Dan l-Att għandu jitqies li beda jseħħ fl-1 ta' Jannar, 1991, u għandu japplika għal trasferimenti taxxabbli li jiġu f'dik id-data jew data li tiġi wara.

Emenda tat-Taqsim ta' l-Att.

2. Fit-Taqsim ta' l-Att fl-Att prinċipali, minflok il-kliem minn "It-Tieni Skeda" sa u magħdudin il-kliem "minn kull benefiċjarju." għandhom jidħlu l-kliem li ġejjin:

"It-Tieni Skeda
Rati ta' taxxa li għandha tiġi imposta.".

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

3. Fil-proviso li hemm għall-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "għoxrin lira jew inqas" għandhom jidħlu l-kliem "mitejn lira jew inqas".

Emenda ta' l-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali.

4. L-artikolu 9 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minnufih wara l-paragrafu (ġ) fis-subartikolu (1) tiegħu, għandu jiżdied dan il-paragrafu li ġej:

"(h) kontijiet fi flus barranin miżmumin minn persuni mhux residenti ma' bank f'Malta."; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (1A) tiegħu, għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(1B) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, iżda salv kif provdut f'dan l-artikolu, fil-likwidazzjoni ta' taxxa li għandha tiġi imposta skond dan l-Att, ma għandu jittieħed ebda akkont tal-valur ta' l-użufrutt imħolli mill-persuna li minnha joriġina t-trasferiment taxxabbli favur martu li tibqa' ħajja jew żewġha li jibqa' ħaj.".

Emenda ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali.

5. Minnufih wara l-proviso li hemm għas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll meta jiġi pruvat għas-sodisfazzjon tal-Kummissarju li t-taxxa kienet tħallset jew kellha titħallas dwar ir-rigal relattiv jew li dak ir-rigal jew kien eżentat mit-taxxa bis-saħħa ta' l-artikolu 9 ta' dan l-Att jew kien ħieles mit-taxxa bis-saħħa tal-paragrafu (d) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 14 ta' dan l-Att, il-valuri msemmija fil-paragrafi (a) u (b) ta' l-ewwel proviso li hemm ma' dan is-subartikolu għandhom jitnaqqsu b'rata ta' għaxra fil-mija ta' li huma dwar kull sena li tiġi wara dik is-sena meta dak ir-rigal ikun ingħata.".

Emenda ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

6. L-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok is-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Bla ħsara tad-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (3) u (4) ta' dan l-artikolu, għandha tiġi imposta t-taxxa dwar kull trasferiment taxxabbli bir-rati speċifikati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, meta jitqiesu l-parti li għandha tiġi intaxxata tal-valur taxxabbli tal-proprjetà u kemm jiġu minn qrib xulxin il-persuna li minnha jinħoloq it-trasferiment taxxabbli u l-persuna jew il-persuni li jgawdu jew li jitqiesu li jgawdu bis-saħħa tiegħu, u meta jitqies l-ammont li kull wieħed minn dawk il-benefiċjarji jirċievi.

(3) Fil-likwidazzjoni tat-taxxa li għandha tiġi imposta taħt it-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att, meta l-benefiċjarji tal-persuna li minnha jinħoloq it-trasferiment taxxabbli jkunu —

(a) żewġha jew martu, dixxendenti u axxendenti fil-linja diretta u żwieġhom u marthom relattivi, jew

(b) ħutu jew ħutha subien u bniet u d-dixxendenti tagħhom u zijithom, u żwieġhom u marthom relattivi, jew

(ċ) qraba oħrajn u barranin,

dik it-taxxa għandha tiġi kalkolata billi jiġu applikati r-rati speċifikati fl-Iskeda msemmija u moltiplikati, għar-rigward tal-

beneficjarji msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) ta' dan is-subartikolu rispettivament b'wieħed, wieħed punt wieħed ħamsa u wieħed punt erbgħa ħamsa.";

(b) fis-subartikolu (4) tiegħu:

(i) minflok il-kliem "taħt it-Taqsima II tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att" għandhom jidħlu l-kliem "taħt it-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att"; u

(ii) il-paragrafu (ġ) tiegħu għandu jitħassar.

Emenda ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali.

7. Is-subartikolu (2) ta' l-artikolu 14 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a) tiegħu, minflok il-kliem "l-ewwel tlett elef u ħames mitt lira Maltija" għandhom jidħlu l-kliem "l-ewwel ħamest elef lira";

(b) fil-paragrafu (ċ), minflok il-kliem "l-ewwel elf lira" għandhom jidħlu l-kliem "l-ewwel elf u ħames mitt lira"; u

(ċ) fil-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem "l-ewwel ħames mitt lira" għandhom jidħlu l-kliem "l-ewwel elf lira".

Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

8. L-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "dwar dak ir-rigal" għandhom jiżdiedu l-kliem "jew, skond il-każ, b'perċentaġġ ta' l-ammont ta' dik it-taxxa daqs il-perċentaġġ applikat dwar it-tnaqqis tal-valur ta' dak ir-rigal taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ta' dan l-Att"; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "il-valur tal-proprjetà inkluża fir-rigal" għandhom jidħlu l-kliem "il-valur, jew il-valur imnaqqas, tal-proprjetà inkluża fir-rigal, skond il-każ u kif provdut taħt is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 11 ta' dan l-Att".

Emenda ta' l-artikolu 30 ta' l-Att prinċipali.

9. Fl-artikolu 30 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "erba' xhur" għandhom jidħlu il-kliem "sitt xhur".

Emenda ta' l-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali.

10. Minnufih wara s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 45 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda meta l-persuna li mewtha tagħti lok għat-trasferiment taxxabbli tkun taħt l-età ta' sittax-il sena u ma jkollha ebda proprjetà kif imsemmija fl-artikolu 7 ta' dan l-Att, dik id-denunzja tista' ma tiġix preżentata lill-Kummissarju kif imsemmi qabel.".

Emenda ta' l-artikolu 55 ta' l-Att prinċipali.

11. Fil-paragrafu (b) tas-subartikolu (3) ta' l-artikolu 55 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "skond it-Taqsima II tat-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att" għandhom jidħlu l-kliem "skond it-Tieni Skeda li tinsab ma' dan l-Att".

Emenda ta' l-artikolu 56 ta' l-Att prinċipali.

12. Fis-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 56 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "tmintax-il xahar" kull fejn jinsabu għandhom jidħlu f'kull każ il-kliem "tnax-il xahar".

Sostituzzjoni tat-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali.

13. Minflok it-Tieni Skeda li tinsab ma' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"IT-TIENI SKEDA

[Artikolu 13]

Rati ta' taxxa li għandha tiġi imposta

Parti li għandha tiġi ntaxxata tal-valur taxxabbli riċevuta minn kull benefiċjarju	Rata ta' taxxa
meta l-ammont taxxabbli ma jkunx iżjed minn Lm2,500	sitta fil-mija
meta jkun iżjed minn Lm2,500 iżda mhux iżjed minn Lm5,000	Lm150 b'żieda ta' għaxra fil-mija ta' l-ammont li bih jeċċedi l-Lm2,500
meta jkun iżjed minn Lm5,000 iżda mhux iżjed minn Lm7,500	Lm400 b'żieda ta' erbatax fil-mija ta' l-ammont li bih jeċċedi l-Lm5,000
meta jkun iżjed minn Lm7,500 iżda mhux iżjed minn Lm10,000	Lm750 b'żieda ta' tmintax fil-mija ta' l-ammont li bih jeċċedi s-Lm7,500
meta jkun iżjed minn Lm10,000 iżda mhux iżjed minn Lm15,000	Lm1,200 b'żieda ta' tnejn u għoxrin fil-mija ta' l-ammont li bih jeċċedi l-Lm10,000
meta jkun iżjed minn Lm15,000 iżda mhux iżjed minn Lm20,000	Lm2,300 b'żieda ta' sitta u għoxrin fil-mija ta' l-ammont li bih jeċċedi l-Lm15,000
meta jkun iżjed minn Lm20,000 iżda mhux iżjed minn Lm30,000	Lm3,600 b'żieda ta' tmienja u għoxrin fil-mija ta' l-ammont li bih jeċċedi l-Lm20,000
meta jkun iżjed minn Lm30,000 iżda mhux iżjed minn Lm40,000	Lm6,400 b'żieda ta' tnejn u tletin fil-mija ta' l-ammont li bih jeċċedi t-Lm30,000
meta jkun iżjed minn Lm40,000 iżda mhux iżjed minn Lm50,000	Lm9,600 b'żieda ta' erbgħa u tletin fil-mija ta' l-ammont li bih jeċċedi l-Lm40,000
meta jkun iżjed minn Lm50,000 iżda mhux iżjed minn Lm60,000	Lm13,000 b'żieda ta' sitta u tletin fil-mija ta' l-ammont li bih jeċċedi l-Lm50,000

Parti li għandha tiġi ntaxxata tal-valur taxxabbli riċevuta minn kull benefiċjarju	Rata ta' taxxa
meta jkun iżjed minn Lm60,000 iżda mhux iżjed minn Lm80,000	Lm16,600 b'żieda ta' tmienja u tletin fil-mija ta' l-ammont li bih jeċċedi s-Lm60,000
meta jkun iżjed minn Lm80,000 iżda mhux iżjed minn Lm100,000	Lm24,200 b'żieda ta' erbgħin fil-mija ta' l-ammont li bih jeċċedi t-Lm80,000
meta jkun iżjed minn Lm100,000 iżda mhux iżjed minn Lm150,000	Lm32,200 b'żieda ta' tnejn u erbgħin fil-mija ta' l-ammont li bih jeċċedi l-Lm100,000
meta jkun iżjed minn Lm150,000 iżda mhux iżjed minn Lm200,000	Lm53,200 b'żieda ta' erbgħa u erbgħin fil-mija ta' l-ammont li bih jeċċedi l-Lm150,000
meta jkun iżjed minn Lm200,000 iżda mhux iżjed minn Lm300,000	Lm75,200 b'żieda ta' sitta u erbgħin fil-mija ta' l-ammont li bih jeċċedi l-Lm200,000
meta jkun iżjed minn Lm300,000 iżda mhux iżjed minn Lm500,000	Lm121,200 b'żieda ta' tmienja u erbgħin fil-mija ta' l-ammont li bih jeċċedi t-Lm300,000
meta jkun iżjed minn Lm500,000 iżda mhux iżjed minn Lm700,000	Lm217,200 b'żieda ta' ħamsin fil-mija ta' l-ammont li bih jeċċedi l-Lm500,000
meta jkun iżjed minn Lm700,000 iżda mhux iżjed minn Lm1,000,000	Lm317,200 b'żieda ta' tlieta u ħamsin fil-mija ta' l-ammont li bih jeċċedi s-Lm700,000
meta jkun iżjed minn Lm1,000,000	Lm476,200 b'żieda ta' erbgħa u ħamsin fil-mija ta' l-ammont li bih jeċċedi l-Lm1,000,000

".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 486 tas-6 ta' Marzu, 1991.

LAWRENCE GONZI
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati.